

Brussell, 6 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12479/20

ECOFIN 983
UEM 354
SOC 654
EMPL 476
COMPET 529
ENV 675
EDUC 385
RECH 429
ENER 401
JAI 886

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	6 ta' Novembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12264/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 16/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Is-Semestru Ewropew – ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi jindirizzaw problemi importanti iżda jeħtieġu implimentazzjoni aħjar"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 16/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Is-Semestru Ewropew – ir- Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall- Pajjiżi jindirizzaw problemi importanti iżda jeħtieġu implimentazzjoni aħjar", approvati bi proċedura bil-miktub fis-6 ta' Novembru 2020.

Rapport Speċjali Nru 16/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Is-Semestru Ewropew – ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi jindirizzaw problemi importanti iżda jeħtieġu implimentazzjoni aħjar"

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 16/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Is-Semestru Ewropew – ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi jindirizzaw problemi importanti iżda jeħtieġu implimentazzjoni aħjar".
2. JENFASIZZA li s-Semestru Ewropew jipprovdi qafas essenzjali għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali u tal-impjiegi. JILQA' l-fatt li r-Rapport Speċjali jirrikonoxxi li l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2020 turi riorjentament tal-istrateġija tal-Unjoni lejn it-tkabbir sostenibbli, inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Patt Ekoloġiku Ewropew. JENFASIZZA l-importanza ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bla xkiel. JISSOTTOLINJA li l-koordinazzjoni effiċjenti tal-politika ekonomika wriet li hija dejjem aktar importanti matul il-pandemija attwali tal-COVID-19 u hija kruċjali għal irkupru f'waqtu, għat-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika u soċjali tal-ekonomiji tal-UE, għat-titjib tas-sostenibbiltà, u għall-iżgurar tal-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku.
3. JISSOTTOLINJA l-kontribut siewi li jagħmel ir-rapport għall-inventarju tas-Semestru Ewropew u għall-identifikazzjoni ta' oqsma għal titjib fi tmiem il-mandat ta' 10 snin tal-istrateġija Ewropa 2020.

4. JILQA' l-approċċ komprensiv li fih ir-rapport jiġbor flimkien it-tagħlimiet meħuda mill-progress lejn il-miri ta' Ewropa 2020, il-formulazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, u jikkomplementa r-rapporti preċedenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku¹. F'dan il-kuntest, IFAKKAR fil-Konklużjonijiet rispettivi tal-Kunsill dwar iż-żewġ rapporti preċedenti².
5. JINNOTA li x-xogħol tal-awditjar tlesta qabel it-tifqigħa tal-COVID-19 u, għaldaqstant, dan ir-rapport ma jieħux inkunsiderazzjoni l-bidliet fl-ambjent ekonomiku jew l-iżviluppi ta' politika jew bidla oħra b'rispons għall-pandemija. JAGĦRAF li s-sejbiet tar-rapport jibqgħu rilevanti fil-kuntest ekonomiku u ta' politika mibdul, filwaqt li xi wħud mill-konklużjonijiet tar-rapport huma għaldaqstant inqas applikabbli għar-realtà l-għdida.
6. JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-rapport li sitta minn tmien miri ta' Ewropa 2020 x'aktarx li jkunu ntlaħqu, filwaqt li l-miri għat-tnaqqis tal-faqar u għar-riċerka u l-iżvilupp mhumieq ser jintlaħqu. L-ilħuq tal-miri tar-riċerka u l-iżvilupp jibqa' importanti ħafna għat-tisħiħ tal-produttività u l-kompetittività globali tal-ekonomiji tal-UE. L-isforzi biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali huma saħansitra aktar rilevanti fid-dawl tal-kriżi attwali u l-ħtieġa li tittejjeb ir-reżiljenza ekonomika u soċjali tal-Istati Membri.
7. JAQBEL mas-sejba tar-rapport li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi ma kinitx suffiċjenti u għandha tissaħħaħ. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal monitoraġġ kontinwu tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. JENFASIZZA li s-sjieda tal-Istati Membri hija kritika biex jiġi żgurat is-suċċess tar-riformi u JAPPELLA għal trasparenza mtejbja u djalogu ta' politika miftuħ bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar l-identifikazzjoni tal-isfidi ewlenin tar-riforma u l-investment.

¹ Rapport Speċjali Nru 3/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Awditu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP)" u r-Rapport Speċjali Nru 18/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-oġettiv prinċipali tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir qiegħed jintlaħaq?"

² Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2018 dwar ir-Rapport Speċjali Nru 3/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Awditu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP)" (Dokument tal-Kunsill 6680/18), u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018 dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-oġettiv prinċipali tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir qiegħed jintlaħaq?"

8. JIEĦU NOTA tas-sejba tar-rapport li l-programmi nazzjonali ta' riforma spiss ma jispjegawx il-kontenut preċiż tal-miżuri ppjanati mill-awtoritajiet. JENFASIZZA li l-programmi nazzjonali ta' riforma huma għodda ta' politika nazzjonali, imħejjija f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali, u aġġustati għall-ħtiġijiet nazzjonali. JIRRIKONOXXI li bħala parti mid-djalogu kontinwu mal-Kummissjoni u fil-kuntest tas-sorveljanza tal-politika ekonomika multilaterali, tista' tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali, kif meħtieġ. JISSOTTOLINJA li aktar gwida u simplifikazzjoni rigward il-programmi jżidu t-trasparenza u l-komparabbiltà tagħhom, filwaqt li jevitaw piż amministrattiv eċċessiv.
9. JIRRIKONOXXI li hemm lok għal użu aħjar tal-fondi disponibbli tal-UE għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-riformi. JENFASIZZA li l-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza għandha potenzjal sinifikanti biex tipprovdi stimolu għar-riformi u l-investment.
10. F'konformità mas-sejbiet tar-rapport, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tispjega r-raġunament wara l-għażla tagħha tal-prijoritajiet ta' riforma u investment fil-premessi għar-rakkomandazzjonijiet. JENFASIZZA l-ħtieġa għal objettivi ċari, anke biex tiżdied it-traċċabbiltà u l-konsistenza bejn diversi settijiet ta' għanijiet taħt is-Semestru Ewropew. JISSOTTOLINJA li r-rakkomandazzjonijiet jipprovdu l-flessibbiltà meħtieġa biex l-Istati Membri jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' riforma.
11. JINNOTA li ħafna mir-riformi strutturali, inkluż ir-riformi tal-pensjonijiet u r-riformi tat-taxxa, huma kumplessi, u jieħdu snin biex jiġu implimentati u jinvolvu azzjonijiet ta' politika f'għadd ta' oqsma relatati u konsultazzjonijiet ma' ħafna partijiet ikkonċernati. Għaldaqstant JAPPELLA għal perspettiva riveduta għall-perijodu medju fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, li jindirizzaw dan, filwaqt li jippreservaw il-momentum inkluż permezz ta' monitoraġġ kontinwu.
12. JIRRIKONOXXI li fiċ-ċiklu tal-2021, is-Semestru Ewropew ser jiġi aġġustat għall-implimentazzjoni tal-faċilità tal-irkupru u r-reżiljenza li jmiss, u b'hekk tinbidel temporanjament il-forma tal-proċess tas-Semestru Ewropew meta mqabbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri. JISTIEDEN lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jużaw l-opportunità ewlenija tal-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza biex jistimulaw l-investment u l-implimentazzjoni tar-riformi, u jiżguraw proċess ta' koordinazzjoni politika sempliċi u koerenti li jippermetti l-monitoraġġ effettiv tal-progress tal-politika fl-oqsma kollha koperti mis-Semestru Ewropew.